**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 10 ta' Gunju 2022**

**<u>Rikors nru: 60/2018 AGV;</u>**

**Rikors Guramentat ghar-ritrattazzjoni tal-kawza numru 52/17 RGM fl-ismijiet:**

**ALM**

**Vs**

**l-Avukat Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Helen Valenzia li permezzt a' digriet datat 24 ta' April**

**2017 gew nominati bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lil-assenti A EM**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors Guramentat ghal Ritrattazzjoni ta' S EM datat 12 ta' Marzu 2018 fejn espona Umilment u riverentement jesponi:**

1. Illi fi Frar 2018 l-esponenti ritrattant gie lura Malta wara li kien qatta' xi zmien is-Syria u l-Libya u mal-wasla tieghu pprova jaghmel kuntatt mal-attrici li qaltlu biex ma jmurx id-dar u ma jkellimx lilha jew lit-tifel u ghalhekk fuq parir ta' habib tieghu l-esponenti mar il-Qorti tal-Familja biex jara kienx hemm xi proceduri u hemmhekk sar jaf illi kien hemm sentenza mill-Qorti tal-Familja deciza fil-31 ta' Jannar 2018 fl-ismijiet Agostina **AM Vs l-Avukat Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Helen Valenzia li gew nominati bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lil-assenti S EM ;**

2. Illi peremzz tas-sentenza su citata din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talbiet attrici billi:

    a. Laqghet l-ewwel talba tal-attrici u ddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut;
    b. Laqghet it-tieni talba tal-attrici u applikat in toto kontra il-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-kodici Civili;

c. Laqghet it-tielet talba attrici u ddikjarat xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u astjeniet milli tillikwida l-istess billi ma kienx hemm assi fl-istess konumi;
d. Cahdet ir-raba' talba attrici billi ma rrizultax illi l-konvenut kellu fil-pusses tieghu beni dotali jew parafernali tal-attrici;
e. Laqghet in parti l-hames talba tal-attrici u ikkundanat lill-konvenut ihallas lill-attrici tlett mitt ewro (€300) fix-xahar manteniment ghall-attrici li jithallas kull l-ewwel tax-xahar u jghola skont l-Indici tal-Inflazzjoni pubblikat mill-Gvern filwaqt illi cahdet it-talba ghall-manteniment ghal bin il-partijiet;
f. Laqghet is-sitt talba tal-attrici u awtorizzatha tirregistra din is-sentenza fir-Registru Pubbliku;
g. Laqghet is-seba' talba tal-attrici u awtorizzatha tirriverti ghal kunjom xbubitha M.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut filwaqt illi ordnat illi l-ispejjez u drittijiet tal-kuraturi deputati ghall-assenti jithallsu pprovvizorjament mill-attrici.

3. Illi l-esponenti umilment jissotometti li s-sentenza inghatat minghajr ma kien debitament notifikat u qatt ma kien konsapevoli li kien hemm proceduri quddiem il-Qorti tal-Familja;

4. Illi l-attrici kienet hi stess li kienet wissiet lil-intimat sabiex ma jaghmilx kuntatt maghha u ma jigix Malta u dejjem kellha numru tal-mobile sabiex tikkomunika mieghu jew almenu tindika dan in-numru lil kuraturi deputati;

5. Illi meta l-esponenti telaq minn Malta u mar il-Libya u s-Syria fejn il-familjari tieghu kienu ghaddejien minn problemi kbar minhabba fil-

gwerra, kien zamm kuntatt regolari mal-attrici u fil-fatt kien anke jghaddiliha flus regolarment;

6. illi tant huwa minnu li l-attrici kellha kuntatt mal-esponenti u fil-fatt kienet qaltlu biex ma jersaqx lejn Malta illi talbitu jaghmlilha ittra sabiex hi tkun tista' tipprezentha lil-awtoritajiet f'Malta sabiex tinghata ghajnuna finanzjara;

7. illi ghalhekk is-sentenza inkisbet b-ingann min-naha tal-attrici peress illi naqset illi taghti n-numru tal-esponenti sabiex jsir l-kuntatt mill kuraturi u anke m'hu veru xejn illi giet abbandunata imma kienet hi stess li talbitu biex ma jergax jigi lura Malta ghax fil-fatt kellha relazzjoni ma haddiehor fiz-zmien illi kienet ghada mizzewga lil-esponenti u ghalhekk zgue m'ghandhiex dritt totilob ghal-manteniment u ghalhekk din is-sentenza inkisbet b'mod illi ma giex osservat il-principju ta' gustizzja naturali *audi alteram partem*;

8. illi l-esponenti sar jaf b'din is-sentenza wara li kien inkariga lil xi hadd jaghmel stharrig mal-Qorti u mar ghand l-ufficju tal-ghajnuna legali sabiex jitlob s-servizzi ta' avukat propju fl-20 ta' Frar 2018 u allura wara li s-sentenza saret res judicata;

9. Illi ghalhekk fid-dawl tal-fatti u cirkostanzi kollha, hemm lok ghar-ritratazzjoni tal-imsemmija sentenza A AM  Vs l-Avukat Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Helen Valenzia  peress illi hija nulla u bla effett peress illi ttiehdet bil-qerq ta' wahda mill-partijiet  bi hsara ta' l-ohra a tenut tal-artikolu 811(a) tal-Kap 12 u li l-esponenti ma kienx konsapevole tal-kawza a tenut tal-artikolu 811 (b) tal-Kap 12;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi, ir-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) Rikors Guramentat numru 52/2017 RGM fl-ismijiet **A EM (KI nru M) Vs l-Avukat Benjamin Valenzia u l-Prokuratur Legali Helen Valenzia li permezz ta' digriet datat 24 t' April 2017 gew nominate bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lil-assenti S EM** li giet deciza fil-31 ta' Jannar 2018;

2. Tordna r-ritrattazzjoni ta' l-istess kawza a tenur ta' l-artikolu 811 (a) u 811 (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

   Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

**Rat ir-risposta ta' A A-M datata 30 ta' April 2018 fejn esponiet bir-rispett:-**

1. Illi primarjament, l-attriċi ssostni bil-qawwa kollha illi għal kuntrajru ta' dak li qiegħed jiġi allegat, m'huwiex minnhu illi hi kellha xi numru validu tal-mobile jew mezz ieħor ta' kif setgħet tikkomunika mar-ritrattandi u tibqa ssostni illi hija flimkien mal-iben tal-partijiet kienu ġew abbandunati għal kollox mir-rtrattandi u kienu ilhom ma jisimgħu b'aħbar ir-ritrattandi għal diversi snin. Iżżid tgħid illi m'huwiex minnhu xejn illi hija wisset lir-ritrattandi sabiex ma jersaqx lejn Malta jew li hija naqset li tagħti xi numru ta' żewġha lill-kuraturi;

2. Illi fid-dawl taċ-ċirkostanzi, u ċioe tal-fatt illi l-attriċi kienet tilfet kull kuntatt minn ma' żewġha u ma kellix numru validu tal-mobile tiegħu jew indirizz fejn tikkuntattjaħ, l-attriċi pproċediet billi eżawriet kull proċedura legali oħra sabiex issir notifika valida skond kif trid il-liġi. Kif ser jiġi ppruvat fil-kawża, l-attentat ġenwin għal notifika valida saret kemm fi stadju ta' medjazzjoni bejn il-partijiet u kif ukoll fl-istadju tal-kawża in kwistjoni. Għaldaqstant, ir-ritrattandi ma jistax jargumenta illi huwa ma kienx debitament notifikat ilgħaliex fil-fatt in-notifika saret skond il-liġi f'ċirkostanzi eżistenti bejn il-partijiet. Tant kemm hu hekk, il-Qorti kienet ħatret il-kuraturi kemm fi stadju ta' medjazzjoni u kif ukoll matul il-kawża tas-separazzjoni;

*3.* Illi bla preġudizzju għall-premess u di piu', ir-ritrattandi naqas li jindika l-artikolu tal-liġi li skond hu kien imissha ġiet applikata minn din il-Qorti kif jistipula l-artikolu 816 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi t-talbiet tar-ritrattandi għar-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn Qorti tal-ewwel grad u li għaddiet f'ġudikat qedgħa ssir ai termini tal-artiklu 812 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-ritrattandi huma improponibbli stante, kif ser jiġi pruvat waqt il-kawża, ir-ritrattandi kien jaf bil-fatti tal-kawża **qabel** ingħatat is-sentenza u kien jaf bil-fatti u l-effetti tas-sentenza **qabel** skada t-terminu tal-appell. Għaldaqstant, umilment jiġi sottomess illi r-ritrattandi kellhu qabel xejn jikkontesta l-kawża waqt is-smiegħ tagħha jew altriment jappella mis-sentenza mogħtija fit-terminu tal-appell, u ma jistax issa jiprova jinqeda, abbużivament, bl-artikolu 812 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi jsegwi allura illi l-azzjoni għal ritrattazzjoni hija improponibbli stante illi kif ser jiġi pruvat fil-kawża, m'huwiex minnu illi jeżistu l-elementi pretiżi mir-ritrattandi sabiex jaħgtu lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 811 (a) u (b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. Illi di pui, ritrattazzjoni m'għandhiex isservi bħala appell di terzo grado li ma jeżistix fis-sistema legali nostrali jew li tistieden il-Qorti sabiex tagħmilha ta' qorti ta' reviżjoni

7. Illi fil-mertu, u dejjem mingħajr preġudizzju għas-suespost, t-talbiet tar-ritrattandi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jiġu miċħuda fl-interezza tagħhom bl-ispejjes kontra l-istess ritrattandi;

8. Salv eċċezzjonijiet oħra permissibli bil-Liġi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat illi, fil-mori tal-kawza, ir-rikorrenti S EM  gie nieqes.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrenti S EM qed jitlob li s-sentenza illi kienet inghatat fil-konfront tieghu fil-31 ta' Jannar, 2018, tigi mhassra u revokata, u konsegwentement dik il-kawza tigi ritrattata. A A M, mart ir-rikorrenti, kienet ipprocediet ghas-separazzjoni permezz ta' rikors guramentat fl-atti 52/17, kontra kuraturi deputati peress illi zewggha kien nieqes minn Malta ghal numru ta' snin. Hu jsostni illi martu, l-attrici f'dik il-kawza, ma kienetx ghaddiet l-informazzjoni korretta lill-kuraturi biex hu jigi informat bil-kawza fil-hin. Ghalhekk huwa jinsisti li s-sentenza li kienet inghatat dak iz-zmien ghandha tithassar, u l-kawza tigi ritrattata. Il-Qorti ghalhekk sejra tillimita ruhha biss ghall-provi mressqa mill-partijiet li strettament jirrigwardaw it-talba ghar-ritrattazzjoni u sejra tiskarta l-provi jew provvedimenti mehuda dwar merti ohra.

Illi mill-provi prodotti, irrisulta ampjament ippruvat illi r-rikorrenti, konvenut f'dik il-kawza, kien assenti minn Malta sa mill-2012. Meta martu istitwiet il-proceduri ghas-separazzjoni, jidher car li hu kien assenti minn Malta. Ma gew prodotti ebda provi li martu b'xi mod naqset milli tinfurmah bil-kawza, jew li ma tatx l-informazzjoni korretta lill-kuraturi biex dawn ma jaghmlux kuntatt mieghu. Fl-affidavit tieghu, S EM jghid li hu gie lura Malta f' Ottubru 2017. Ma sarx jaf bil-kawza qabel ma din inqatghet fil-31 ta' Jannar 2018, izda sar jaf ftit jiem wara. Ghalhekk kien sar jaf bis-sentenza kontra tieghu qabel ma kien skada t-terminu tal-appell.

Fir-rikors tieghu, A M  jindika taht liema Artikolu tal-Ligi qed jitlob li ssir ir-ritrattazzjoni. Di fatti hu jindika l-Artikolu 811(a) u (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-bazi tal-azzjoni tieghu. Dawn il-paragrafi tal-ligi jipprovdu s-segwenti:

> "811. Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:
>
> "(a) jekk is-sentenza tkun ittieħdet bil-qerq ta' waħda mill-partijiet bi ħsara tal-oħra;"
>
> "(b) jekk ir-rikors ġuramentat ma jkunx ġie notifikat lill-parti telliefa, basta li din il-parti, għad li ma tkunx ġiet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smigħ tal-kawża;"

Ghalhekk, taht dawn iz-zewg paragrafi indikati mir-rikorrenti, il-provi jridu jwasslu ghall-konkluzjoni li, fil-kawza impunjata minnu, l-attrici dak iz-zmien imxiet b'qerq fil-konfront tieghu, u li hu ma giex notifikat bl-atti tal-kawza. Jekk dawn jigu ppruvati minnu, il-Qorti tkun tista' tordna s-smigh mill-gdid tal-kawza. Inoltre, l-Artikolu 812 jipprovdi wkoll ghal sitwazzjoni simili ghal dak li qed jitlob ir-rikorrenti. Dak l-Artikolu jipprovdi s-segwenti:

> "Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn qorti tal-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata wkoll, fuq talba tal-

partijiet li jkollhom interess, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien tal-appell."

Il-Qorti rat bir-reqqa l-provi mressqa mill-partijiet. Minn imkien ma rrisulta li r-rikorrenti rnexxielu b'xi mod iressaq provi li martu kienet ottjeniet is-sentenza kontra tieghu b'qerq, jew li hu ma kienx gie notifikat skond il-ligi. L-uniku Artikolu li jista' japplika ghall-kaz in esami huwa proprju dan tal-ahhar, izda hawn ukoll it-tezi tar-rikorrenti ma tistax tregi, ghax mill-provi mressqa minnu stess jirrisulta car li kien jaf bil-kawza zgur qabel ma ghadda t-terminu tal-appell. Inoltre, jirrisulta wkoll li A AM  fiz-zmien li ressqet il-kawza taghha, ma kellha ebda alternattiva ohra hlief li titlob il-hatra ta' kuraturi deputati, kif fil-fatt ghamlet, biex jirrappresentaw l-interessi tar-ragel taghha, li kien gia' ilu assenti minn Malta ghal erba' jew hames snin dak iz-zmien. Lanqas ma ngabet prova li b'xi mod, l-attrici f'dik il-kawza ma kienetx ghaddiet l-informazzjoni korretta lill-kuraturi deputati biex jaghmlu kuntatt mal-konvenut. Ghandha ragun l-intimata tghid li r-rikorrenti donnu qed jittanta jivvinta appell tat-tielet grad b'dawn il-proceduri, tant hu hekk li fil-mori kien sar tentattiv biex hu jerga' jaghmel kuntatt ma' ibnu, tifel maggorenni li izda jsofri minn dizabilita'. Fil-fehma tal-Qorti, ghalhekk, it-talba ghal ritrattazzjoni kif imressqa minn  ma tistax tintlaqa' u sejra tigi respinta.

Fl-ahhar lok, ghandu jinghad li rikors ghal ritrattazzjoni m'ghandux idum erba' snin biex jigi determinat. Jew hemm raguni ghat-talba, jew ma hemmx. Hija semplicement kwistjoni ta' fatt li facilment tista' tigi ppruvata. F'dan il-kaz kien evidenti li ma kienx hemm ebda bazi ghat-talba ta' ritrattazzjoni.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tichad it-talbiet.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-istess rikorrenti.**

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef** **Cettina Gauci- Dep Reg**